MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 203/2007

**Il-Pulizija**

**v**

**Inigo Borg**

## Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Inigo Borg (d.t.t. 5.2.89) talli nhar is-7 ta' Marzu 2007 fis-6.15 pm, gewwa Triq Tumas Fenech, B'Kara, (**1**) hedded lil ommu Joanne Borg u (**2**) insulentaha bi kliem oxxen;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Mejju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Inigo Borg hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar skond l-Artikolu 22 tal-Kap. 446;

Rat it-talba maghmula minn Inigo Borg fil-21 ta' Mejju 2007 ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza,

liema talba intlaqghet fl-istess gurnata mill-Qorti Inferjuri; rat ir-rikors ta’ appell tieghu tat-23 ta’ Mejju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza, kif ukoll talab li din il-Qorti “f’kull kaz thassar u tirrevoka l-ordni tal-istess Qorti [Inferjuri] moghtija fil-verbal taghha kontestwalment mas-sentenza fejn ordnat lill-pulizija ezekuttiva tinvestiga lill-esponent appellant u lil missieru Carmel Borg ghar-reat ta’ spergur jew gurament falz”;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta’ Settembru 2007; ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li dak li hemm registrat fil-verbal tal-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2007 quddiem il-Qorti Inferjuri – u cioe` l-ordni lill-Ufficjal Prosekutur sabiex immedjatament jigu investigati l-appellant, allura imputat, u missieru fuq suspett “ta’ spergur u ta’ reati ohra konnessi ma’ l-istess” – ma hux parti mis-sentenza moghtija fil-konfront ta’ Inigo Borg u ghalhekk ma jistax isir “appell” minn dak l-istess verbal, bhalma l-appellant evidentement qed jipprova jaghmel.

L-aggravju ta’ l-appellant, ghalkemm imqassam fuq hames paragrafi, fir-realta` huwa semplicement wiehed, u cioe` li dak li qalet ommu li huwa ghamel ma hux minnu. L-appellant u missieru jikkontendu li kullma gara kien li, waqt li Inigo kien isaqqi l-galletti fil-gnien, Joan (Joanne) Borg marret fejn id-dar fejn jghixu zewgha mat-tliet itfal u pparkeggjat b’mod li Carmel Borg ma setax johrog. Meta huwa talabha ticcaqlaq hi rrifjutat u bdiet taghti fuq ix-*shutter* tal-garaxx. Wara ftit huwa rega’ qalilha li ried johrog biex imur jixtri l-pitazzi ghat-tifel, u din regghet irrifjutat li ticcaqlaq. Joan Borg, invece, tghid li lil zewgha dakinhar anqas biss ratu (ghalkemm precedentement kelmitu bit-telefon). Skond hi dak li gara kien li kif marret wara l-bieb tad-dar biex thalli xi helu ghat-tfal, hareg l-appellant, tghajjrilha l-borza helu, beda jghajjarha u jinsulentaha u b’mod generali kien aggressiv maghha b’mod li hija kienet kostretta li titlaq minn fuq il-post.

Issa, kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, dak l-apprezzament ikun wiehed ragjonevoli u legalment fondat. Huwa minnu li f'dan il-kaz hemm zewg versjonijiet kontrastanti, izda meta wiehed iqis kollox, inkluz l-affidavit tas-Surgent P.S. 1174 u l-kopja tal-okkorrenza minnu maghmula, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti f'dak li hu l-apprezzamant tal-provi. L-unika modifika li din il-Qorti sejra taghmel hija li tippreciza li ma jirrizultax li kien hemm theddid, izda biss insulti ossia ingurji. Dan jirrizulta mhux biss mid-deposizzjoni ta' Joan Borg izda anke mill-okkorrenza kif ukoll mill-affidavit imsemi. Probabbli li l-imputazzjoni tinkludi t-theddid peress illi l-paragrafu (e) tal-Artikolu 339(1) tal-Kodici Krminali jikkontempla taht l-istess kappell kemm ingurji kif ukoll theddid, u ghalhekk meta kienet qed tigi formulata l-imputazzjoni, li generalment issegwi l-kliem testwali tal-ligi, tnizzlet anke l-kelma "theddid".

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bil-precisazzjoni li kien hemm biss insulti ossija ingurji, u mhux ukoll theddid. Il-periodu ta' xahar ghall-finijiet tal-*conditional discharge* jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------